MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2012

Citazzjoni Numru. 246/2011

**Jesmond Sant**

**vs**

**Direttur Generali tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur tal-10 ta’ Marzu 2011 li jghid hekk:

1. Illi l-esponent kien registrat ai fini tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud bin-numru MT12553631;

2. Illi huwa kien jiggestixxi hanut gewwa l-Mosta flimkien ma' martu Rita Sant (illum residenti gewwa 13, Girgenti Court, Flat 4, Triq id-Dermnuq, Siggiewi);

3. Illi f'xi zmien id-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud kien talab lir-rikorrent igiblu prova tad-dikjarazzjonijiet minnu maghmula taht il-ligi dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud;

4. Illi tali investigazzjoni kienet giet maghluqa u l-esponent qatt ma gie notifikat li l-istess dipartiment kien sab xi diskrepanzi o meno;

5. Illi fl-ahhar sena l-esponent gie a konjizzjoni tal-fatt li d-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud kien rega' fetah investigazzjoni dwar l-istess perjodu ta' taxxa li precedentement kien diga' investiga lill-esponent;

6. Illi pero' l-esponent din id-darba kien f'diffikulta sabiex jipprovdi d-dokumentazzjoni rikjesta in vista tal-fan li l-esponent ghaddej minn proceduri ta' separazzjoni minn ma' martu Rita Sant u d-dokumentazzjoni relattiva kienet mizmuma f'fondi diversi li inbieghu bis-subbasta u li ghalhekk l-esponent ma kellux access ghalihom;

7. Illi cio'nonostante l-esponent ghamel l-almu tieghu sabiex jintracca dawn id-dokumenti u fil-fatt kien ipprezenthom lil Kummissarju intimat kif jirrizulta mid-dokument hawn anness u mmarkat Dok. JS1;

8. Illi pero din id-dokumentazzjoni giet irritornata lir-rikorrent meta l-istess Kummissarju ma hax konjizzjoni tal-istess in vista tal-volum tad-dokumentazzjoni Dok. JS2;

9. Illi minkejja dan, il-Kummissarju intimat hareg avviz ai termini tal-artiklu 59 tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta, kopja hawn annessa u mmarkata Dok. JS3 fejn huwa talab il-hlas ta' taxxa addizzjonali ibbazzata fuq audit assessments mahruga mill-istess Kummissarju intimat;

10. Illi din il-procedura tikkostitwixxi abbuz u vjolazzjoni tal-ligi ghaliex kif ser jigi ppruvat fil-mori ta' dawn il-proceduri, l-esponent kien ressaq prova ta' dak dikjarat minnu pero l-Kummissarju intimat ghal ragunijet tieghu naqas milli jiehu konjizzjoni tal-istess;

11. Illi permezz ta' ittra ufficjali tal-11 ta' Frar 2011 hawn annessa u mmarkata Dok. JS4 l-esponent interpella lill-Kummissarju intimat sabiex jirtira l-pretensjoni vantata minnu izda l-intimat baqa' inademplenti;

Ghaldaqstant in vista tal-premess l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara li d-dikjarazzjonijiet maghmulha mir-rikorrent ai fini tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta kienu korretti u veritiera;

2. U konsegwentement tiddikjara li d-dikjarazzjoni maghmula mill-Kummissarju intimat fil-konfront tar-rikorrenti ai termini tal-artikolu 59 tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta bhala nulla u bla effett fil-ligi;

Bl-ispejjez kontra l-intimat li minn issa huwa ngunt in subizzjoni;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li tghid hekk:
1. Illi preliminarjament din l-Onorabbli Qorti ghandha tichad ir-rikors de quo peress illi ma ghandhiex gurisdizzjoni fil-kaz in ezami stante illi l-ligi tal-VAT u cjoe l-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta jaghmilha cara illi s-sur Sant kellu jappella mill-istejjem li nhargu mid-Dipartiment quddiem il-Bord tal-Appelli, u dan ovvjament ma ghamlux. L-artikolu 43 tal-Att jaghmilha cara illi persuna li thoss ruhha aggravata bi stima li tigi nnotifikata lilha tista' taghmel appell kontra dik l-istima lill-Bord tal-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud. Illi inoltre d-Disgha Skeda tal-Atti fil-partita 4.(d) tghid illi l-appell lill-Bord irid isir fi zmien tletin jum mid-data tan-notifika tal-Avviz li kontrih isir l-appell. Isegwi kwindi illi gialadarba dan l-appell ma sarx, l-istejjem illum huma finali u konklussivi u huma legalment irriversibbli;

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-ittra ufficjali de quo harget kontra l-intimat skont il-ligi u kwindi l-allegazzjonijiet tar-rikorrent fil-konfront tal-intimat Kummissarju huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda in toto ghar-ragunijiet segwenti, stante illi l-

Avviz ai termini tal-Att numru XXIII tal-1998, hu Avviz a tenur tal-Artikolu 59 (2) tal-Kapitolu 406 u sar ezegwibbli bil-hrug tal-ittra ufficjali de quo u li segwew id-dettami tal-ligi;

3. Illi l-allegazzjoni kkontenuta fil-paragrafu 8 tar-rikors hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha ukoll tigi rrigettata stante li d-dokumentazzjoni giet irritomata lir-rikorrenti u l-intimat ma hax konjizzjoni taghha mhux minhabba li kienet wahda voluminuza kif qieghed jigi allegat izda stante illi ma kienitx taghmel l-ebda sens u in realta kienet bla ebda valur. Illi jirrizulta lill-esponenti li r-rikorrenti kien ghaddielu diversi crates tal-haxix mimlija invoices u minghajr ma kienu akkompanjati mill-kotba li kienu jikkorrespondu ghall-istess invoices li ma setghux jigu vverifikati billi in realta din il-massa ta' informazzjoni kienet bla ebda valur probatorju - kien impossibbli ghall-intimat li jivverifika d-dikjarazzjoni maghmula taht il-Ligi dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud;

4. Illi ghandu jinghad li dak ikkontenut fil-paragrafu 9 tar-rikors ukoll ghandu jigi rrigettat bhala infondat fil-fatt u fid-dritt stante illi l-intimat bil-hrug tal-avviz ai termini tal-artikolu 59 tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta kien qieghed jagixxi skont il-ligi - qui suo jure utitur non videtur facere injuriam. L-oneru tal-prova kien jispetta lir-rikorrenti u dan baqa' ma skarikahx ghas-sodisfazzjon tal-intimat kif trid il-ligi;

5. Illi a skans ta' ripetizzjoni jinghad bir-rispett illi l-allegazzjoni ta' abbuz u vjolazzjoni tal-ligi mill-intimat ghandha ukoll tigi rrigettata stante illi r-rikorrenti ma ressaq l-ebda prova ta' dak minnu ddikjarat u mhux sewwa illi r-rikorrenti jwahhal fl-intimat ghan-nuqqasijiet grossolani ta' kif jiggestixxi hwejgu;

6. Illi l-ittra ufficjali tal-11 ta' Frar 2011 Dok. JS4 ma taghmilx stat fil-konfront tal-intimat Kummissarju stante illi hija infondata fil-fatt u fid-dritt u kwindi bla ebda sahha legali. Isegwi mis-suespost illi l-ittra ufficjali mahruga mill-intimat Kummissarju mertu ta' dan ir-rikors hija valida u ritwali u r-rikorrenti ghandu jitqies responsabbli ghall-hlas

tat-taxxa, imghax u penali rrikjamat mill-intimat Kummissarju skont il-ligi;

Ghaldaqstant l-intimat Kummissarju eccepjenti jitlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet suesposti joghgobha:

1. Tichad it-talbiet tar-rikorent bhala infondati fil-fatt u fid-dritt, fejn allega illi d-dikjarazzjonijiet maghmula minnu kienu korretti u veritiera ghall-finijiet tal-Kap. 406; u

2. Konsegwentement joghgobha tiddikjara illi l-Avviz u l-ittra ufficjali de quo tal-intimat segwew il-procedura rikjesta mil-ligi, il-Kap. 406 u huma validi u effettivi ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi; u

3. Konsegwentement joghgobha tikkonferma t-titolu ezekuttiv ottenut mill-Kummissarju a bazi tal-ittra ufficjali numru .... fil-konfront tar-rikorrent u tikkundannah ihallas lill-intimat l-ammont dovut fl-ittra ufficjali fuq surreferita;

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni in subizzjoni kontra r-rikorrenti;

Rat li l-Qorti llimitat il-provi ghall-ewwel eccezzjoni tal-konvenut;

Rat l-atti kollha u n-noti ta’ sottomissjonijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut ghat-2 ta’ Ottubru 2012;

**Ikkunsidrat**

L-attur qed jittenta b’din il-kawza li jwaqqa’ l-effetti tal-artikolu 59 tal-Kap. 406 fil-konfront tieghu u dan ghax qed jallega li d-dikjarazzjonijiet maghmulin minnu lid-Direttur Generali ai fini tal-istess Kapitolu kienu korretti u veritieri.

L-artikolu 59 tal-Kapitolu 406 ighid hekk:
(1) Avviz mahrug mill-Kummissarju li juri ammont ta’ taxxa u penali amministrattiva dovuti minn persuna ghandu jkun xiehda bizzejjed, kemm-il darba ma tingiebx prova

kuntrarja, li l-ammont ikun dovut lill-Kummissarju minn dik il-persuna u g]andu jikkostitwixxi titolu ezekuttiv fil-kuntest u ghall-ghanijiet tat-Titolu VII tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

(2) Il-Kummissarju jista' jitlob il-hlas ta' kull taxxa u penali amministrattiva li g]andha tithallas minn persuna skond dan l-Att bil-mezz ta' nota ta' talba ghall-hlas, u jekk il-hlas mitlub ma jsirx fi zmien tletin jum mid-data meta dik in-nota ta' talba ghall-hlas tkun [iet notifikata lil dik il-persuna, il-Kummissarju jista' jghaddi biex ji[bor dak il-hlas bis-sahha tat-titolu ezekuttiv imsemmi fis-subartikolu (1) wara jumejn minn notifika lil dik il-persuna ta' talba ghall-hlas li ssir permezz ta' att gudizzjarju. Meta jiskadi l-perjodu ta' jumejn imsemmi f'dan is-subartikolu, il-Kummissarju jkollu dritt li jirregistra fir-registru pubbliku jew fir-registru ta' l-artijiet, skond il-kaz, nota ta' privilegg g]all-ammont mitlub fl-att gudizzjarju u dik in-nota ta' privilegg tista' tigi registrata minn kull avukat jew nutar. Kap.12.

(3) Id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 468 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili ghandhom japplikaw dwar kull mandat mahrug bis-sahha tat-titolu ezekuttiv imsemmi f'dan l-artikolu u ghall-izbank ta' kull flus li jingabru mill-bejgh fl-irkant tal-proprjetà maqbuda, u ebda oppozizzjoni jew riserva fic-cedola ta' depozitu ma g]andha twaqqaf il-hlas ta' xi somma li tkun depozitata fil-qorti wara li jkun sar dak il-mandat kif imsemmi qabel.

Il-kwistjoni quddiem din il-Qorti ma tirrigwardax l-esekuzzjoni tat-titolu ottenut skond l-istess artikolu izda biss dwar il-validita tan-notice of assessment mibghuta mid-Direttur Generali tal-VAT fis-16 ta' Dicembru 2010 lill-attur kif jidher a fol. 7 et seq. tal-process. Din in-notice of assessment tirrigwarda l-perjodi bejn u inkluzi minn Jannar 1999 sa April 2008. Ma hemmx kwistjonijiet dwar notifika tal-istess notice ghax il-kontenzjoni tal-attur mhix dak izda biss li din in-notice kif mibghut ma jirrifletix id-dokumentazzjoni li hu ikkonsenja lid-dipartiment.

Fil-fatt il-kontenzjoni tar-rikorrenti hi fil-mertu tal-assessment li d-Direttur Generali tal-VAT qed jippretendi li

hu dovut mir-rikorrenti, peress illi qed jallega li d-dokumentazzjoni mressqa minnu kienet sufficjenti biex id-dipartiment ma johrogx in-notice of assessment li hareg f'Ottubru 2010.

Saret referenza mill-partijiet ghal ittra tad-dipartiment datata 26 ta' Jannar 2004 (fol. 24 tal-process) in risposta ghal dik mibghuta mill-accountant ta' dak iz-zmien tar-rikorrenti b'referenza ghall-assessments ghal perjodu 1 ta' Mejju 2000 sa 30 ta' April 2003 (fol. 22 tal-process). Fl-ittra tad-dipartiment hemm indikat b'mod car illi peress li parti sostanzjali tad-dokumenti rikjesti mid-dipartiment kienu gew konsenjati lid-dipartiment "it has been decided that the assessments be reviewed". Izid illi r-rikorrenti kien ser jigi kuntattat minn ufficjal tad-dipartiment u illi l-koperazzjoni tar-rikorrenti kienet mehtiega biex isir ir-'review'.

Jidher mill-atti illi l-kwistjoni baqghet tkarkar sa ftit qabel il-hrug tan-notice tas-16 ta' Dicembru 2010 fejn mill-e-mails a fol. 52 sa 54 tal-process jidher illi r-rikorrenti kien ikkonsenja xi ghoxrin kaxxa bl-invoices li pero d-dipartment sab li sitta biss kienu relevanti izda anki f'dawn is-sitta l-invoices ma kienux akkompanjati bil-purchase u sales ledgers kif jitlob l-artikolu 48 tal-Kap. 406.

Dawn l-ahhar kwistjonijiet ghandhom relevanza zghira ghall-ewwel eccezzjoni billi dak li qed ighid id-Direttur Generali tal-VAT hu illi din il-Qorti ma ghandhiex gurisdizzjoni in materja peress illi r-rikorrenti li hassu aggravat b'assessment fil-mertu tieghu kellu rimedju specifiku moghti tal-Kap. 406, senjatament l-artikolu 43 tal-Att li jaghti dritt ta' appell lit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva skond l-artikolu 45 u 46 tal-istess Att. Dan ir-rimedju ma ttehidx u ma ntuzax mir-rikorrenti u ghalhekk josta ghalih access lill-Qorti fuq kwistjoni fejn ligi specjali pprovdiet rimedju specifiku ghal lanjanza mill-assessment.

Ma hux kontestat mir-rikorrenti li fil-fatt hu ma appellax mill-assessment mibghut lilu f'Dicembru 2010 u lanqas kif inghad hemm xi allegazzjoni li ma giex notifikat bih. Hu qed jilmenta mill-assessment fil-mertu tieghu u cioe ghal

ragunijiet li kellhom jitqajmu quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva, u ma jistax ir-rikorrenti juza din il-Qorti biex jipprova jirrimedja ghan-nuqqas tieghu li juza r-rimedju li taghtih il-ligi appozita u cioe l-Kap. 406. Dan ir-ragunament isib konfort fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawza **Joseph Mary Farrell vs Kummissjarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud** deciza fl-24 ta' Gunju 2011. Din il-Qorti ma ghandha xejn x'izzid ma dik is-sentenza.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-eccezzjoni tad-Direttur Generali tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud li ma ghandhiex gurisdizzjoni fil-kaz in ezami u kwindi qed tichad it-talbiet tar-rikorrenti, bl-ispejjez kontrih.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------